31994R3287

31.12.1994 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 349/79

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3287/94
tat-22 ta' Diċembru 1994
dwar spezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba għal esportazzjoni mill-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi numru ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrikorru għall-hekk imsejħa programmi ta' spezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba biex ikun żgurat tqassim tajjeb ta' riżorsi limitati ta' flus barranin lill-importaturi u biex jiġu miġġielda prattiċi bħal fatturi bi prezzijiet ogħla jew inqas minn dawk veri, u frodi; billi dawn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw qabbdu kumpaniji privati b'dan ix-xogħol, li jinkludi kontroll tal-kwalita kif ukoll tal-prezzijiet ta' oġġetti maħsuba għal esportazzjoni lejn it-territorju ta' dawn il-pajjiżi;

Billi l-Komunita tagħraf li pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrikorru għall-ispezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba; billi, madankollu, l-ispezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba tagħti lok għal indħil abbużiv fil-prezz miftiehem liberament bejn il-partijiet f'kuntratt u għal prattiċi oħra li joħolqu tfixkil bla bżonn fil-kummerċ; billi, għalhekk, għandhom isiru sforzi permezz ta' koperazzjoni u għajnuna teknika biex titnaqqas il-ħtieġa ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba;

Billi l-Att Finali ta' l-*Uruguay Round*, iffirmat fil-15 ta' April 1994 f'Marakesh (Marokk), jistabbilixxi Ftehim dwar spezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba bejn il-membri tal-World Trade Organization (Ftehim "WTO"); billi dan il-Ftehim ġie approvat u hemm bżonn li jidħol fis-seħħ għall-Komunità;

Billi l-liġi tal-Komunita toħloq sigurta addizzjonali għall-esportaturi fis-sens li attivitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba jridu jkunu twettqu skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-WTO u għalhekk ma jkunux ta' tfixkil għall-kummerċ:

Billi, għal dan il-għan, attivitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba li jsiru fil-Komunita għandhom ikunu bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet;

Billi, minħabba ż-żamma ta' prinċipji uniformi fil-politika ta' l-esportazzjoni tal-Komunita' hu meħtieġ li l-attivitajiet ta' entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba jkunu regolati fuq linji uniformi;

Billi hemm raġuni tajba għala l-proċeduri għandhom ikunu simplifikati kemm jista' jkun, b'mod partikolari fejn tidħol reviżjoni ta' prezzijiet; billi, madankollu, l-Ftehim tal-WTO ma jiddisponix għal eżenzjonijiet u għalhekk eżenzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu applikati biss bi ftehim ma' l-entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba;

Billi proċedura ta' malajr u effettiva li twassal għal ftehim fi kwistjonijiet bejn esportaturi u entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha tiġi stabbilita; billi proċedura bħal din hemm provvediment għaliha fil-Ftehim tal-WTO;

Billi kwistjonijiet dwar nuqqas ta' tħaris ta' kondizzjonijiet jew nuqqas ta' osservanza ta' proċeduri minn entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandu jkun hemm ftehim fuqhom ma' pajjiżi terzi li jużaw dawn l-entitajiet skond il-proċeduri relevanti tal-Komunita u tal-WTO;

Billi l-Artikolu 3(3) tal Ftehim tal-WTO jiddisponi għal għajnuna teknika għal pajjiżi terzi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament japplika għal attivitajiet li jitwettqu fuq it-territorju doganali tal-Komunita' Ewropea minn entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba, li f'isem il-gvernijiet ta' entitajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, iwettqu kontrolli fuq il-kwalita', kwantita' jew prezzijiet, inklużi rati ta' kambju u kondizzjonijiet finanzjarji, ta' oġġetti maħsuba għal esportazzjoni lejn it-territorju ta' dwan il-pajjiżi terzi ("programmi ta' spezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba").

Artikolu 2

1. L-attivitajiet ta' entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba kif imfissra fl-Artikolu 1 huma suġġetti għal proċedura ta' notifikazzjoni minn qabel fuq bażi ġenerika skond il-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament.

[1] Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 1994 (għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2. Fin-notifika tagħhom, l-entitajiet dwar merkanzija qabel titgħabba għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet, ħlief dawk dwar ħlas, ta' kuntratti miftehma ma' gvernijiet jew entitajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi li f'isimhom ġew stabbiliti l-programmi ta' spezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba. Għandhom imbagħad jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-modifikazzjonijiet kollha dwar kondizzjonijiet ta' kontroll. Għandhom ukoll jindikaw dawk il-miżuri li jkunu ħadu biex iħarsu l-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopji tan-notifikazzjonijiet kollha li tkun irċeviet lill-Istati Membri.

Artikolu 3

In-notifikazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 għandha tkopri l-attivitajiet li ġejjin:

(a) spezzjoni fiżika tal-merkanzija qabel tiġi esportata biex tkun tista' tiġi verifikata l-konformita tad-dispaċċ (kwalita', kwantita') ma' l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u r-rispett tar-regoli u l-*istandards* tal-pajjiż importatur jew li jkunu magħrufa fuq livell internazzjonali;

(b) il-verifika tal-prezz u meta applikabbli, r-rata tal-kambju tal-munita, fuq il-bażi tal-kuntratt bejn l-esportatur u l-importatur, il-fattura *pro forma* u, meta applikabbli, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni.

Artikolu 4

Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel tintbgħat, waqt it-twettiq ta' l-attivitajiet tagħhom, għandhom iħarsu dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Qabel kull kontroll, l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha tinforma lill-esportatur bid-dettalji ta' l-ispezzjoni u l-kriterji li għandhom ikunu applikati.

L-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha twettaq il-kontrolli xierqa f'limitu ta' żmien li jevita dewmien żejjed. Għandha wkoll, wara li tkun irċeviet id-dokumenti finali u t-tmiem ta' l-ispezzjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jew toħroġ *Clean Report* dwar dak li nstab jew tagħti spjega bil-miktub li tispeċifika r-raġunijiet il-għala dan ma jkunx ħareġ. Fil-każ ta' l-aħħar l-esportaturi għandhom jingħataw l-opportunita li jippreżentaw l-opinjoni tagħhom bil-miktub u, jekk l-esportaturi jitolbuh, jagħmlu arranġament għal spezzjoni mill-ġdid fl-iqsar żmien konvenjenti għaż-żewġ naħat.

Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom iwettqu, kull meta jintalbu mill-esportatur, qabel id-data ta' l-ispezzjoni fiżika, verifika preliminari tal-prezz u, meta applikabbli, tar-rata tal-kambju tal-munita, fuq il-bażi tal-kuntratt bejn l-esportatur u l-importatur, il-fattura *pro-forma* u, meta applikabbli, l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Għandhom, wara li tkun saret verifika preliminari, jinfurmaw bil-miktub lill-esportaturi minnufih jew bl-aċċettazzjoni tagħhom jew bir-raġunijiet dettaljati tagħhom il-għala ma aċċettawx il-prezz u/jew ir-rata tal-kambju tal-munita.

Biex jiġi evitat dewmien fil-pagament, entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jibagħtu lill-esportaturi jew lil rappreżentanti nominati jew lill-esportaturi *Clean Report* ta' dak li nstab kemm jista' jkun malajr. Għandhom ukoll, fil-każ ta' xi żball fil-*Clean Report* ta' dak li nstab, jikkoreġu l-iżball u jibagħtu l-informazzjoni korretta lill-partijiet xierqa kemm jista' jkun malajr.

(b) L-ispezzjonijiet ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jitwettqu b'mod mhux diskriminatorju, u l-proċeduri u kriterji użati fit-tmexxija ta' dawn l-attivitajiet għandhom ikunu oġġettivi u applikati fuq l-istess bażi għall-esportaturi kollha milquta minn dawn l-attivitajiet.

(ċ) Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba m'għandhomx jitolbu lill-esportaturi informazzjoni dwar:

(i) *data* dwar il-manifattura li għandhom x'jaqsmu ma' proċessi patentjati, liċenzjati jew li ma ngħatax tagħrif dwarhom, jew dwar proċessi li għalihom għad hemm patenta pendenti;

(ii) informazzjoni teknika mhux pubblikata jew informazzjoni oħra li turi konformita ma' regolamenti jew *standards* tekniċi;

(iii) prezzijiet interni, inklużi l-prezzijiet tal-manifattura;

(iv) livelli ta' qliegħ;

(v) it-termini tal-kuntratti bejn esportaturi u l-forniturі tagħhom sakemm ma jkunx possibbli għall-entita' li twettaq l-ispezzjoni mod ieħor. (F'każi bħal dawn, l-entita' għandha biss tistaqsi għall-informazzjoni meħtieġa għal dan il-għan).

Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jittrattaw kull informazzjoni mogħtija mill-esportaturi bħala konfidenzjali għan-negozju. Informazzjoni konfidenzjali tan-negozju bħal din għandha tinqasam ma' gvernijiet li jkunu kkuntrattaw jew qabbdu b'mandat lill-entita' biss sal-punt li normalment informazzjoni bħal din tkun meħtieġa għal ittri ta' kreditu jew għal xi forom oħra ta' ħlas jew għal skopijiet ta' dwana, liċenzji ta' importazzjoni jew kontrolli ta' kambju.

(d) Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jirċievu, jikkunsidraw u jieħdu deċiżjonijiet dwar ilmenti mqajma minn esportaturi. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu żviluppati u miżmuma skond il-linji ta' gwida li ġejjin:

(i) entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jinnominaw uffiċjal wieħed jew iżjed li għandhom ikunu disponibbli waqt il-ħinijiet tax-xogħol f'kull belt jew port li fihom ikollhom uffiċċju ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba biex jirċievu, jikkunsidraw u jieħdu deċiżjonijiet dwar appelli jew ilmenti ta' l-esportaturi;

(ii) esportaturi għandhom jagħtu bil-miktub lill-uffiċjal(i) il-fatti dwar it-tranżazzjoni speċifika in-kwistjoni, in-natura ta' l-ilment u suġġeriment bħala soluzzjoni;

(iii) l-uffiċjal(i) nominat(i) għandu(hom) jikkunsidra(w) simpatetikament l-ilmenti ta' l-esportaturi u għandu(hom) jieħu(jieħdu) deċiżjoni kemm jista' jkun malajr wara li jkunu waslulu(hom) id-dokumenti msemmijin fis-subparagrafu (ii).

Artikolu 5

Entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba, waqt li jwettqu l-attivita' tagħhom dwar verifikazzjoni ta' prezz, għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom biss jirrifjutaw prezz f'kuntratt miftiehem bejn esportatur u importatur jekk ikunu jistgħu juru li s-sejbiet tagħhom dwar prezz li ma sodisfahomx ikunu bażati fuq proċess ta' verifikazzjoni li jkun konformi mal-kriterji stabbiliti fis-subparagrafi (b) sa (e) inklussivament;

(b) l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha tibbaża l-paragun tagħha dwar prezz għall-verifika tal-prezz ta' l-esportazzjoni fuq il-prezz(ijiet) ta' oġġetti identiċi jew bħalhom offerti għal esportazzjoni mill-istess pajjiż ta' l-esportazzjoni fl-istess ħin jew kważi, taħt kondizzjonijiet ta' bejgħ kompetittivi u paragunabbli, f'konformita ma' prattiċi normali tan-negozju u wara li jkunu mnaqqsa xi skonti *standard* applikabbli. Dan il-paragun għandu jkun bażat fuq li ġej:

(i) Għandhom ikunu użati dawk il-prezzijiet biss li jipprovdu bażi valida ta' paragun, waqt li jitqiesu il-fatturi relevanti ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu mal-pajjiż importatur u pajjiż jew pajjiżi użati għal paragun ta' prezz:

(ii) l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba m'għandhiex toqgħod fuq il-prezz offrut għal esportazzjoni lejn diversi pajjiżi li jimpurtaw biex timponi kif jidhrilha hi l-aktar prezz baxx fuq il-merkanzija li ser titgħabba;

(iii) l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha tikkunsidra l-elementi speċifiċi elenkati fis-subparagrafu (ċ);

(iv) f'kull stadju tal-proċess deskritt hawn fuq, l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandha tagħti lill-esportatur l-opportunita' li jispjega l-prezz;

(ċ) meta jkunu jwettqu verifika ta' prezz, entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba għandhom jikkunsidraw tnaqqis xieraq għat-termini tal-kuntratt tal-bejgħ u għal xi fatturi ta' aġġustament ġeneralment applikabbli u li għandhom x'jaqsmu mat-transazzjoni; dawn il-fatturi għandhom jinkludu, mingħajr ma jkunu għalhekk limitati l-livell u l-kwantita kummerċjali tal-bejgħ, perjodu u kondizzjonijiet tal-kunsinna, klawsoli dwar żjieda fil-prezzijiet, speċifikazzjonijiet dwar kwalita, karatteristiċi speċjali ta' disinn, speċifikazzjonijiet speċjali dwar tagħbija u imballaġġ, kobor ta' l-ordni, bejgħ fuq il-post, influwenzi ta' l-istaġun, piżijiet ta' liċenzi jew ta' proprjeta intellettwali, u servizzi mogħtija bħala parti millkuntratt sakemm dawn ma jkunux normalment fatturati separatament; għandhom ukoll jinkludu ċerti elementi li għandhom x'jaqsmu mal-prezz ta' l-esportatur, bħarrelazzjoni kontrattwali ta' bejn l-esportatur u l-importatur

(d) il-verifika dwar ħlasijiet ta' trasport għandha tirrelata biss għall-prezz miftiehem tal-mezz ta' trasport fil-pajjiż esportatur kif indikat fil-kuntratt tal-bejgħ;

(e) dawn li ġejjin m'għandhomx jintużaw għal finijiet ta' verifika ta' prezzijiet:

(i) il-prezz tal-bejgħ fil-pajjiż importatur ta' oġġetti prodotti f'dak il-pajjiż;

(ii) il-prezz ta' oġġetti għall-esportazzjoni minn pajjiż għajr dak li qed jesporta;

(iii) kemm tiswa l-produzzjoni;

(iv) prezzijiet jew valuri arbitrarji jew fittizji.

Artikolu 6

Jekk, bħala riżultat ta' l-obbligi tagħha lejn il-gvern jew lejn xi entita' pubblika ta' pajjiż terz, l-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba ma tħarisx il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament, jekk l-entita' ma timxix skond il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 7, jew jekk ikun hemm xi raġuni oħra għala wieħed iħoss li l-Ftehim tal-WTO mhux qed ikun rispettat, wieħed jista' jirrikorri għal kull proċedura xierqa oħra, inkluża l-proċedura stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2641/84 bil-kondizzjonijiet preskritti fih [1].

Artikolu 7

Jekk l-entitajiet ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba u l-esportaturi ma jirnexxilhomx isolvu l-kwistjonijiet ta' bejnethom u dan fi żmien jumejn l-aktar tard wara li jkunu bagħtu l-ilmenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 4, il-proċedura li ġejja normalment trid tiġi applikata:

[1] ĠU L 252, ta' l-20.9.1984, p. 1.

(a) esportatur jew entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba li jħossu li jridu jqajmu kwistjoni għandhom jikkuntattjaw l-entita' indipendenti msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim tal-WTO dwar spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba u jitolbu li jiġi ffurmat *panel*. L-entita' indipendenti għandha tkun responsabbli biex jiġi ffurmat *panel*. Dan il-*panel* għandu jkun jikkonsisti fi tliet membri. Il-membri tal-*panel* għandhom jintgħażlu b'mod li jiġu evitati spejjeż u dewmien żejjed. L-ewwel membru għandu jintgħażel mit-taqsima (i) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO mill-entita' konċernata ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba. It-tieni membru għandu jintgħażel mit-taqsima (ii) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO mill-esportatur konċernat, basta li dan il-membru ma jkunx affiljat ma dak l-esportatur. It-tielet membru għandu jintgħażel mit-taqsima (iii) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO mill-entita' indipendenti msemmija hawn fuq. Ma jistgħux isiru oġġezzjonijiet għall-espert kummerċjali indipendenti meħud mit-taqsima (iii) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO;

(b) l-espert kummerċjali indipendenti meħud mit-taqsima (iii) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO għandu jservi bħala president tal-*panel*. L-espert kummerċjali indipendenti għandu jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex il-kwistjoni tingħalaq malajr mill-*panel*, per eżempju, dwar jekk il-fatti tal-każ jitolbux li l-membri tal-*panel* għandhom jiltaqgħu, u f'dak il-każ, fejn għandhom jiltaqgħu, b'konsiderazzjoni tas-sit ta' l-ispezzjoni in kwistjoni;

(ċ) jekk il-partijiet fil-kwistjoni jaqblu, espert kummerċjali wieħed indipendenti jista' jintgħażel mit-taqsima (iii) tal-lista prevista fil-Ftehim tal-WTO dwar spezzjoni ta' qabel titgħabba l-merkanzija mill-entita' indipendenti msemmija fis-subparagrafu (a) biex jeżamina l-kwistjoni konċernata. Dan l-espert għandu jieħu d-deċiżjoni meħtieġa biex il-kwistjoni tingħalaq malajr, per eżempju b'konsiderazzjoni tas-sit ta' fejn issir l-ispezzjoni konċernata;

(d) l-iskop ta' l-eżami hu biex jiġi stabbilit jekk, matul l-ispezzjoni li hemm tilwim fuqha, l-partijiet fil-kwistjoni jkunux ħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-WTO, u hekk anke d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-proċeduri għandhom jitħaffu u għandhom joħolqu l-opportunita għażżewġ partijiet biex jippreżentaw il-veduti tagħhom personalment jew bil-miktub;

(e) deċiżjonijiet ta' panel bi tliet membri għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza. Id-deċiżjoni fuq il-kwistjoni għandha tittieħed fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mit-talba għal eżami indipendenti u għandha tiġi komunikata lill-partijiet fil-kwistjoni. Dan il-limitu ta' żmien jista jiġi mtawwal jekk ikun hemm ftehim bejn il-partijiet fil-kwistjoni. Il-*panel* jew l-espert kummerċjali indipendenti għandhom jallokaw l-ispejjeż, bażati fuq il-merti tal-każ;

(f) id-deċiżjoni tal-*panel* għandha torbot lill-entita' ta' spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba u lill-esportatur li jkunu partijiet fil-kwistjoni.

Artikolu 8

Kull Stat Membru għandu:

— jieħu l-miżuri xierqa f'livell nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment biex ikun faċilitat it-tħaddim kif għandu jkun tal-proċedura ta' l-eżami indipendenti preskritta fl-Artikolu 7,

— jaħtar uffiċjal responsabbli għal kwistjonijiet dwar spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba, li ismu u l-funzjonijiet tiegħu għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni.

Il-Komunita u l-Istati Membri, jekk ikunu mitluba, jistgħu jagħtu lill-pajjiżi utenti għajnuna teknika relatata għall-ispezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba; normalment għajnuna bħal din għandha ssir bil-ħsieb li jiġu eliminati iċ-ċirkostanzi li wasslu biex dawn il-pajjiżi kellhom jirrikorru għal spezzjoni ta' merkanzija qabel titgħabba.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarjat tal-WTO b'dan ir-Regolament u b'kull modifika tiegħu.

Artikolu 10

This Regulation shall enter into force on 1 January 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER